



European Securities and
Markets Authority

Linji gwida

Dwar il-Fatturi ta' riskju taħt ir-Regolament dwar il-Prospett



Werrej

I. Kamp ta' applikazzjoni.....	3
II. Referenzi leġislattivi, taqsiriet u definizzjonijiet	4
III. Għan	6
IV. Obbligi ta' konformità u ta' rappurtar.....	7
V. Sfond.....	8
VI. Linji gwida dwar il-Fatturi ta' riskju	9

I. Kamp ta' applikazzjoni

Min?

1. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lejn l-awtoritajiet kompetenti ddeżinjati minn kull Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE.

Xiex?

2. Dawn il-linji gwida għandhom l-għan li jgħinu lill-awtoritajiet kompetenti meta jeżaminaw mill-ġdid l-ispeċifità, il-materjalità u l-preżentazzjoni ta' fatturi ta' riskju f'diversi kategoriji, skont in-natura tagħhom. Huma ġew abbozzati skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE.

Meta?

3. Dawn il-linji gwida japplikaw minn 04/12/2019.

II. Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet u definizzjonijiet

Referenzi leġiżlattivi

<i>Regolament tal-ESMA</i>	Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE ¹
<i>Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq</i>	Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE ²
<i>Regolament dwar il-Prospett (PR)</i>	Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE ³

Taqsiriet

<i>ESMA</i>	Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq
<i>RD</i>	Dokument tar-Reġistrazzjoni

Definizzjonijiet

<i>Persuni responsabbli għall-prospett</i>	Il-persuni li jkunu responsabbli għall-informazzjoni fi prospett, jiġifieri, skont il-każ, l-emittent jew il-korpi amministrattivi, ta' ġestjoni jew superviżorji tiegħu, l-offerent, il-persuna li titlob ammissjoni għan-negozju f'suq irregolat, jew il-garanti u kwalunkwe persuna oħra responsabbli għall-informazzjoni mogħtija fil-prospett u li tkun identifikata bħala tali fil-prospett
--	---

¹ ĠUL 331, 15.12.2010, p. 84.

² ĠUL 173, 12.06.2014, p. 1.

³ ĠUL 168, 30.06.2017, p. 12.

<i>URD</i>	Dokument tar-reġistrazzjoni universali kif iddefinit fl-Artikolu 9 tar-Regolament dwar il-Prospett
<i>RD</i>	Dokument tar-Reġistrazzjoni
<i>SN</i>	Nota dwar it-Titoli

III. Għan

4. Kif inhu ddikjarat fil-Premessa 54 tar-Regolament dwar il-Prospett, l-iskop primarju tal-inklużjoni tal-fatturi ta' riskju fi prospett u/jew f'suppliment huwa li jiġi żgurat li l-investituri jkunu jistgħu jivvalutaw ir-riskji rilevanti relatati mal-investment tagħhom, u għalhekk ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar l-investment b'għarfien sħiħ tal-fatti. Għalhekk, jenħtieġ li l-fatturi ta' riskju jkunu limitati għal dawk ir-riskji li huma materjali u speċifiċi għall-emittent u/jew għat-titoli tiegħu u li jkunu kkorroborati mill-kontenut tal-prospett.
5. Dawn il-linji gwida huma bbażati fuq l-Artikolu 16(4) tar-Regolament dwar il-Prospett. Il-linji gwida għandhom l-għan li jħeġġu divulgazzjoni xierqa, iffukata u aktar issimplifikata tal-fatturi ta' riskju, f'forma li tista' tiġi analizzata faċilment, li tkun konċiża u li tista' tinftiehem, billi jgħinu lill-awtoritajiet kompetenti fl-eżami mill-ġdid tagħhom tal-ispeċifiċità u l-materjalità, kif ukoll tal-preżentazzjoni tal-fatturi ta' riskju fid-diversi kategoriji. Dawn il-linji gwida mhumiex limitati għall-fatturi ta' riskju ta' xi tip partikolari ta' entità jew ta' xi tip partikolari ta' prospett.
6. Għalkemm dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament dwar il-Prospett, sabiex jitħaffef il-proċess tal-approvazzjoni tal-prospetti, RDs, URDs, SNs u kwalunkwe supplement għalihom, jenħtieġ li l-persuni responsabbli għall-prospett iqisu dawn il-linji gwida meta jħejju prospett għas-sottomissjoni lill-awtorità kompetenti rilevanti.

IV. Obbligi ta' konformità u ta' rappurtar

Status tal-linji gwida

7. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida.
8. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti li japplikaw għalihom dawn il-linji gwida jikkonformaw billi jinkorporawhom fl-oqfsa ta' superviżjoni tagħhom, kif xieraq, u jqisuhom meta jwettqu l-iskrutinju tagħhom ta' prospett, f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament dwar il-Prospett.

Obbligi ta' rappurtar

9. Fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn il-linji gwida fuq is-sit web tal-ESMA bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, l-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida jridu jinnotifikaw lill-ESMA dwar jekk huma (i) jikkonformawx, (ii) ma jikkonformawx, iżda jkunu biĥsiebhom jikkonformaw, jew (iii) ma jikkonformawx u ma jkunux biĥsiebhom jikkonformaw mal-linji gwida.
10. F'każ ta' nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tal-linji gwida fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw ukoll lill-ESMA r-raġunijiet tagħhom għan-nuqqas ta' konformità tagħhom mal-linji gwida.
11. Mudell għan-notifiki huwa disponibbli fuq is-sit web tal-ESMA. Ladarba l-mudell ikun imtela, dan għandu jiġi trażmess lill-ESMA.

V. Sfond

12. Dawn il-linji gwida huma stipulati b'tipa grassa u huma segwiti minn paragrafi ta' spjegazzjoni. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkonformaw mal-linji gwida u jenħtieġ li jikkonsultaw il-paragrafi ta' spjegazzjoni sussegwenti biex jiffaċilitaw l-eżami mill-ġdid tagħhom tal-fatturi ta' riskju.
13. Meta jeżaminaw mill-ġdid dawn il-fatturi ta' riskju, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti josservaw li l-kriterji ta' speċifiċità, materjalità u korroborazzjoni jkunu kumulattivi, kif muri fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament dwar il-Prospett. Għalhekk, meta jeżaminaw mill-ġdid id-divulgazzjoni tal-fatturi ta' riskju, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jqisu jekk il-fatturi ta' riskju jkunux speċifiċi, materjali u kkorroborati, kif stipulat fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament dwar il-Prospett. Fid-divulgazzjoni, jenħtieġ li jkun ċar li jkunu ġew issodisfati l-kriterji kollha fejn fattur ta' riskju jiġi inkluż fi prospett.
14. Meta jiġu sfidati l-persuni responsabbli għall-prospett b'relazzjoni mad-divulgazzjoni tal-fatturi ta' riskju, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tagħti l-opportunità lill-persuni responsabbli għall-prospett biex jirreaġixxu għal jew jemendaw id-divulgazzjoni, kif xieraq. Jenħtieġ li din il-fażi tal-proċess ta' eżami mill-ġdid tkun diskussjoni bejn l-awtorità kompetenti u l-persuni responsabbli għall-prospett. Jekk il-persuni responsabbli għall-prospett ma jkunux jistgħu jew ma jkunux iridu jagħmlu l-bidliet meħtieġa jew jipprovdu informazzjoni supplementari, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tuża s-setgħat skont l-Artikolu 20 tar-Regolament dwar il-Prospett sabiex tiżgura li l-persuni responsabbli għall-prospett jikkonformaw mal-Artikolu 16 tar-Regolament dwar il-Prospett.
15. Barra minn hekk, meta tiġi sfidata l-komprensibbiltà tad-divulgazzjoni tal-fatturi ta' riskju skont dawn il-linji gwida, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni t-tip ta' investitur li l-prospett ikun indirizzat lejha (jiġifieri jekk it-titoli jkollhomx denominazzjoni ta' mill-inqas EUR 100 000 għal kull unità, jew jekk it-titoli jkunux se jiġu nnegozjati f'suq irregolat biss, jew f'segment speċifiku minnu li jista' jkollhom aċċess għalih investituri kwalifikati biss għall-iskopijiet ta' negozju ta' dawn it-titoli).

VI. Linji gwida dwar il-Fatturi ta' riskju

VI.1. Linji gwida dwar l-Ispeċifiċità

Linji gwida 1: Qabel tapprova l-prospett, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tiżgura li l-ispeċifiċità tal-fattur ta' riskju tkun ċara mid-divulgazzjoni. F'dan ir-rigward:

- i. Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tisfida l-persuni responsabbli għall-prospett fejn id-divulgazzjoni ta' fattur ta' riskju ma tistabilixxix rabta ċara u diretta bejn il-fattur ta' riskju u l-emittent, il-garanti jew it-titoli, jew jekk ikun jidher li d-divulgazzjoni tal-fatturi ta' riskju ma tkunx ġiet abbozzata speċifikament għall-emittent/għall-garanti jew għat-titoli; u**
 - ii. Fejn ikun meħtieġ, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti titlob li l-persuni responsabbli għall-prospett jemendaw dak il-fattur ta' riskju jew jitolbu spjegazzjoni aktar ċara.**
16. L-ispeċifiċità relatata mal-emittent/mal-garanti tista' tiddependi fuq it-tip ta' entità (eż. negozji ġodda, entitajiet irregolati, emittenti speċjalisti, eċċ.) u l-ispeċifiċità relatata mat-tip ta' titolu tista' tiddependi fuq il-karatteristiċi tat-titolu.
17. Jenħtieġ li kull fattur ta' riskju jidentifika u jiddivulga riskju li jkun rilevanti għall-emittent/għall-garanti jew għat-titoli kkonċernati, minflok ikun jikkonsisti sempliċiment minn divulgazzjoni ġenerika.
18. Emittenti li joperaw fl-istess industrija jistgħu jkunu esposti għal riskji simili, u għalhekk id-divulgazzjoni relatata ma' dawn it-tipi ta' emittenti tista' tabilnaqq tkun simili. Madankollu, ir-riskji speċifiċi għall-industrija/għas-settur jistgħu jaffettwaw lill-emittenti b'mod differenti skont, pereżempju, id-daqs jew l-ishma mis-suq tagħhom, u għalhekk huwa mistenni li, fejn rilevanti, dawn id-differenzi jiġu riflessi wkoll fid-divulgazzjoni ta' fattur ta' riskju partikolari.
19. L-istess loġika kif deskritta fil-qosor hawn fuq tapplika għal divulgazzjoni li tikkonċerna tipi simili ta' titoli.
20. Matul l-eżami mill-ġdid, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tqis ukoll l-interdipendenzi li l-fatturi ta' riskju jistgħu jkollhom, eż. li r-riskju assoċjat ma' titolu jista' jkun oġġla jew aktar baxx skont il-kundizzjoni finanzjarja tal-emittent jew il-kwalità tal-kreditu ta' raggruppament ta' assi li fuqhom tkun ibbażata sensiela ta' noti. Għalhekk, jenħtieġ li d-divulgazzjoni tal-fatturi ta' riskju tirrifletti dan.
21. L-awtoritajiet kompetenti mhumiex meħtieġa jivvalutaw l-ispeċifiċità ta' fattur ta' riskju, u l-valutazzjoni tal-ispeċifiċità tibqa' r-responsabbiltà tal-emittent li jenħtieġ li jiżgura li d-divulgazzjoni tal-fattur ta' riskju turi b'mod ċar li r-riskju huwa speċifiku. Madankollu, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tiżgura li l-ispeċifiċità tal-fattur ta' riskju tkun apparenti mid-divulgazzjoni tal-fattur ta' riskju.

Linja gwida 2: Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tisfida l-inklużjoni ta' fatturi ta' riskju li jservu biss bħala każda ta' responsabbiltà. Fejn ikun meħtieġ, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti titlob li l-persuni responsabbli għall-prospett jemendaw dak il-fattur ta' riskju jew jitolbu spjegazzjoni aktar ċara.

22. Jenħtieġ li l-fatturi ta' riskju ma jservux biss l-għan li jiproteġu lill-persuni responsabbli għall-prospett mill-obbligazzjonijiet tagħhom. Divulgazzjoni ta' fattur ta' riskju li sservi biss bħala każda ta' responsabbiltà normalment ma tkunx speċifika għal xi emittent, garanti jew titolu.
23. Divulgazzjonijiet spiss joskuraw l-ispeċifità u l-materjalità ta' fattur ta' riskju u/jew ta' riskji oħra li l-emittent/l-garanti jkunu esposti għalihom, billi spiss ikunu jinkludu biss lingwaġġ ġeneriku u ma jipprovdux deskrezzjonijiet ċari tal-ispeċifitajiet tar-riskji.
24. Jenħtieġ li fatturi ta' riskju ma jiġux sempliċiment ikkupjati minn dokumenti oħra ppubblikati minn emittenti oħra jew ippubblikati preċedentement mill-istess emittent jekk ma jkunux rilevanti għall-emittent/għall-garanti u jew għat-titoli.

VI.2. Linji gwida dwar il-Materjalità

Linja gwida 3: Qabel tapprova l-prospett, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tiżgura li l-materjalità tal-fattur ta' riskju tkun ċara mid-divulgazzjoni. F'dan ir-rigward:

- i. **Fejn il-materjalità ma tkunx apparenti mid-divulgazzjoni fil-fattur ta' riskju, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tisfida l-inklużjoni tal-fattur ta' riskju; u**
 - ii. **Fejn ikun meħtieġ, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti titlob li l-persuni responsabbli għall-prospett jemendaw dak il-fattur ta' riskju jew titlob spjegazzjoni aktar ċara.**
25. Jekk l-eżami mill-ġdid tad-divulgazzjoni fil-fattur ta' riskju inkluż fi prospett joħloq dubju dwar il-materjalità tal-fattur ta' riskju, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tisfida lill-persuni responsabbli għall-prospett b'referenza għar-responsabbiltajiet tagħhom stipulati fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament dwar il-Prospett.
 26. L-awtoritajiet kompetenti mhumiex meħtieġa jivvalutaw il-materjalità ta' fattur ta' riskju, u l-valutazzjoni tal-materjalità tar-riskji tibqa' r-responsabbiltà tal-emittent li jenħtieġ li jiżgura li d-divulgazzjoni tal-fattur ta' riskju turi b'mod ċar li r-riskju huwa materjali. Madankollu, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tiżgura li l-materjalità tal-fattur ta' riskju tkun apparenti mid-divulgazzjoni tal-fattur ta' riskju.

Linja gwida 4: Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tisfida lill-persuni responsabbli għall-prospett fejn l-impatt negattiv potenzjali tal-fattur ta' riskju fuq l-emittent/il-garanti u/jew it-titoli ma jkunx iddivulgat, u jenħtieġ li titlob emendi xierqa.

27. L-ESMA temmen li l-forniment ta' informazzjoni kwantitattiva fid-divulgazzjoni tal-fatturi ta' riskju jgħin biex tintwera l-materjalità ta' fattur ta' riskju speċifiku. Din l-informazzjoni

tista' tkun disponibbli f'dokumenti ppubblikati preċedentement b'hal rapporti ta' ġestjoni, rapporti finanzjarji jew divulgazzjonijiet *ad hoc* skont l-Artikolu 17 tar-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq.

28. B'mod alternattiv, fejn ma tkunx disponibbli informazzjoni kwantitattiva jew fejn ma jkunx xieraq li informazzjoni b'hal din tiġi inkluża fil-prospett, jenħtieġ li d-deskrizzjoni tal-impatt negattiv potenzjali tal-fatturi ta' riskju tiġi deskritta bl-użu ta' approċċ kwalitattiv. Għal dan il-għan, waħda mill-alternattivi għall-preżentazzjoni tal-materjalità tal-fatturi ta' riskju tista' tkun referenza għall-iskala ta' baxx, medju u għoli, skont il-paragrafu ta' qabel tal-aħħar tal-Artikolu 16 tar-Regolament dwar il-Prospett. Madankollu, il-persuni responsabbli għall-prospett mhumiex obbligati jipprovdu tali klassifikazzjoni tar-riskji fuq skala skont il-materjalità tagħhom. Minkejja dan, fejn jittieħed approċċ kwalitattiv, jenħtieġ li l-impatt tar-riskji jiġi spjegat b'mod adegwat u jkun konsistenti mal-ordni tal-fatturi ta' riskju l-aktar materjali f'kull kategorija, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament dwar il-Prospett u kif imsemmi wkoll fil-paragrafu 33 ta' dawn il-linji gwida.
29. Minkejja dan, jekk tiġi inkluża informazzjoni kwalitattiva biex jiġi deskritt l-impatt negattiv potenzjali ta' fattur ta' riskju, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tiżgura li l-materjalità tal-fattur ta' riskju tkun evidenti mid-divulgazzjoni tiegħu.

Linja gwida 5: Fejn il-materjalità tkun kompromessa bl-inklużjoni ta' lingwaġġ mitiganti, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tisfida l-inklużjoni ta' dan il-lingwaġġ. Fejn ikun meħtieġ, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti titlob li l-persuni responsabbli għall-prospett jemendaw id-divulgazzjoni tal-fattur ta' riskju, sabiex jeliminaw lingwaġġ mitiganti b'hal dan.

30. Lingwaġġ mitiganti mhuwiex ipprojbit. Fejn jiġi inkluż lingwaġġ mitiganti b'relazzjoni ma' fattur ta' riskju, dan jista' jintuża biss biex juri l-probabbiltà tal-okkorrenza jew il-kobor mistenni ta' impatt negattiv. Jenħtieġ li jiġi evitat użu eċċessiv jew mhux xieraq ta' lingwaġġ mitiganti. Lingwaġġ mitiganti b'hal dan jista' jillimita l-perċezzjoni ta' qarrej tal-impatt negattiv reali ta' fattur ta' riskju jew tal-probabbiltà li dan iseħħ, sal-punt fejn il-qarrej ma jibqax ikollu idea ċara jekk jifdalx riskju materjali. Għalhekk, jenħtieġ li l-lingwaġġ mitiganti ma jintużax b'dan il-mod.
31. Eżempju ta' lingwaġġ mitiganti eċċessiv jistgħu jkunu deskrizzjonijiet twal u dettaljati ta' politiki ta' ġestjoni tar-riskju. Fejn ikunu stabbiliti politiki dwar il-ġestjoni tar-riskju, qabel jinkludu fattur ta' riskju fi prospett, jenħtieġ li l-persuni responsabbli għall-prospett jivvalutaw (mill-ġdid) il-materjalità tar-riskju filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni l-politiki dwar il-ġestjoni tar-riskju. Barra minn hekk, jekk riskju deskritt fit-taqsimha tal-fatturi ta' riskju ta' prospett ikun materjali minkejja l-politiki dwar il-ġestjoni tar-riskju ta' emittent, jenħtieġ li dan ikun ċar fid-divulgazzjoni tal-fattur ta' riskju. Fejn id-divulgazzjoni tal-politiki stabbiliti timmitiga r-riskju sa punt fejn ma jibqax materjali, jenħtieġ li jitneħħa r-riskju jew il-lingwaġġ mitiganti.

VI.3. Linji gwida dwar il-Korroborazzjoni tal-materjalità u l-ispeċifiċità

Linja gwida 6: Qabel tapprova l-prospett, jenħtiegħ li l-awtorità kompetenti tiżgura li l-materjalità u l-ispeċifiċità tal-fattur ta' riskju jkunu kkorroborati mill-istampa globali ppreżentata mill-prospett. F'dan ir-rigward:

- i. **Fejn l-awtorità kompetenti tqis li l-materjalità u l-ispeċifiċità ta' fattur ta' riskju ma jkunux ikkorroborati minn qari tal-prospett, jenħtiegħ li l-awtorità kompetenti tisfida l-inklużjoni ta' fattur ta' riskju bħal dan; u**
 - ii. **Fejn ikun meħtiegħ, jenħtiegħ li l-awtorità kompetenti titlob li l-persuni responsabbli għall-prospett jemendaw il-fattur ta' riskju rilevanti jew jitolbu spjegazzjoni, sabiex jiġi ċċarat għalfejn ikun speċifiku u materjali.**
32. Filwaqt li korroborazzjoni diretta/ċara tal-materjalità u l-ispeċifiċità tal-fattur ta' riskju normalment tintwera permezz tal-inklużjoni ta' informazzjoni korrispondenti speċifika fi bnadi oħra fi prospett, dan mhuwiex meħtiegħ f'kull ċirkostanza. F'ċerti każijiet, huwa suffiċjenti li l-materjalità u l-ispeċifiċità tal-fatturi ta' riskju jkunu identifikabbli b'referenza għall-istampa globali tal-emittent/tal-garanti u tat-titoli ppreżentati fil-prospett.

VI.4. Linji gwida dwar il-Preżentazzjoni tal-fatturi ta' riskju f'diversi kategoriji

Linja gwida 7: Jenħtiegħ li l-preżentazzjoni ta' fatturi ta' riskju f'diversi kategoriji (skont in-natura tagħhom) tgħin lill-investituri jinnavigaw it-taqsimha tal-fatturi ta' riskju. Qabel l-approvazzjoni tal-prospett, jenħtiegħ li l-awtorità kompetenti tiżgura li l-fatturi ta' riskju jiġu ppreżentati f'diversi kategoriji skont in-natura tagħhom. F'dan ir-rigward:

- i. **Fejn dan ma jkunx il-każ, jenħtiegħ li l-awtorità kompetenti tisfida l-preżentazzjoni; u**
 - ii. **Fejn ikun meħtiegħ, jenħtiegħ li l-awtorità kompetenti titlob li l-persuni responsabbli għall-prospett jemendaw il-preżentazzjoni tal-fatturi ta' riskju fid-diversi kategoriji.**
33. Jenħtiegħ li l-kategorizzazzjoni tal-fatturi ta' riskju u t-tqegħid f'ordni tal-fatturi ta' riskju f'kull kategorija jappoġġaw il-komprensibbiltà tagħhom. Jenħtiegħ li t-tnejn li huma jgħinu lill-investituri jifhmu s-sors u n-natura ta' kull fattur ta' riskju divulgat. Jenħtiegħ li fattur ta' riskju jidher darba biss fil-kategorija l-aktar xierqa.
34. F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament dwar il-Prospett, il-fatturi ta' riskju l-aktar materjali jridu jiġu ppreżentati l-ewwel f'kull kategorija, iżda mhuwiex obligatorju li l-fatturi ta' riskju kollha li jifdal f'kull kategorija jiġu kklassifikati skont il-materjalità tagħhom.
35. Fatturi ta' riskju li jkunu speċifiċi u materjali għall-emittent/il-garanti jistgħu, pereżempju, jinqasmu fil-kategoriji li ġejjin:
- Riskji relatati mas-sitwazzjoni finanzjarja tal-emittent;

- Riskji relatati mal-attivitajiet ta' negozju u l-industrija tal-emittent;
- Riskju ġuridiku u regolatorju;
- Riskju ta' kontroll intern; u
- Riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza

36. Fatturi ta' riskju li jkunu speċifiċi u materjali għat-titoli jistgħu, pereżempju, jinqasmu fil-kategoriji li ġejjin:

- Riskji relatati man-natura tat-titoli;
- Riskji relatati mas-sottostanti;
- Riskji relatati mal-garanti u l-garanzija; u
- Riskji relatati mal-offerta lill-pubbliku u/jew mal-ammissjoni tat-titoli għan-negozjar f'suq irregolat.

Linja gwida 8: Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tisfida lill-persuni responsabbli għall-prospett u titlob emendi meta xi kategoriji ma jiġux identifikati fit-taqsimha tal-fatturi ta' riskju tal-prospett permezz tal-użu ta' intestaturi xierqa.

37. Jenħtieġ li l-intestaturi tal-kategoriji jirriflettu n-natura tal-fatturi ta' riskju. Meta jiġu ppreżentati l-intestaturi tal-kategoriji, jenħtieġ li jiġi żgurat li dawn ikunu faċilment identifikabbli fil-prospett permezz tal-użu ta' wisgħa xierqa bejn il-linji u ta' tipa grassa.

38. Jenħtieġ li ma tiġix inkluża kategorija meta din ma tkunx rilevanti. Fejn il-fatturi ta' riskju jkunu simili fin-natura tagħhom, huma jistgħu jiġu organizzati u ppreżentati taħt l-istess intestatura.

Linja gwida 9: Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tisfida lill-persuni responsabbli għall-prospett u titlob emendi għall-għadd ta' kategoriji u subkategoriji inklużi fil-prospett meta jkunu sproporzjonali għad-daqs/għall-kumplessità tat-tranżazzjoni u għar-riskju lill-emittent/lill-garanti.

39. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jisfidaw il-preżentazzjoni tal-fatturi ta' riskju fid-diversi kategoriji meta l-persuni responsabbli għall-prospett jinkludu aktar minn 10 kategoriji u subkategoriji fil-każ ta' prospett standard b'emittent wieħed u b'titolu wieħed. F'ċirkostanzi oħra, iċ-ċifra tista' tiġi estiża skont il-każ. L-ESMA tifhem li prospetti bażi b'ħafna prodotti huma eżempju fejn jistgħu jkunu xierqa kategoriji/subkategoriji ulterjuri.

40. Madankollu, l-awtorità kompetenti xorta waħda tista' tisfida ċ-ċifra sa 10 kategoriji u subkategoriji jekk inqas kategoriji u subkategoriji jkunu suffiċjenti biex jippreżentaw il-fatturi ta' riskju b'mod komprensibbli.

Linja gwida 10: Meta jivvalutaw il-preżentazzjoni tal-fatturi ta' riskju, jenħtieġ li l-kategoriji jiġu suddiviżi f'subkategoriji biss f'każijiet fejn is-subkategorizzazzjoni tista' tiġi ġġustifikata abbażi tal-prospett partikolari. Fejn ma jkunx hemm ħtieġa ċara jew ovvja għall-użu ta' subkategoriji, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tisfida lill-persuni responsabbli għall-prospett u li titlob emendi għall-preżentazzjoni fit-taqsimha tal-fatturi ta' riskju fejn il-komprensibbiltà tkun compromessa.

41. Jenħtieġ li subkategoriji jintużaw biss fejn l-inklużjoni tagħhom tkun tista' tiġi ġġustifikata abbażi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Pereżempju, f'każ ta' prospett bażi li jkun jinkludi bosta tipi ta' titoli, is-subkategoriji jistgħu jkunu meħtieġa għall-preżentazzjoni tal-fatturi ta' riskju.
42. F'każ li jintużaw subkategoriji, jenħtieġ li japplikaw il-prinċipji li japplikaw għall-preżentazzjoni tal-fatturi ta' riskju, kif deskritt f'din is-subtaqsima dwar il-preżentazzjoni tal-fatturi ta' riskju fid-diversi kategoriji.

VI.5. Linji gwida dwar fatturi ta' riskju ffukati/konċiżi

Linji gwida 11: Qabel tapprova l-prospett, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tiżgura li d-divulgazzjoni ta' kull fattur ta' riskju tiġi ppreżentata f'għamla konċiża. F'dan ir-rigward:

- i. **Fejn ma jiġix rispettati dan il-prinċipju, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tisfida l-preżentazzjoni; u**
 - ii. **Fejn meħtieġ, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti titlob li l-persuni responsabbli għall-prospett jipprovdu divulgazzjoni aktar iffukata u konċiża.**
43. L-“inflazzjoni tad-daqs” tal-prospetti, fenomenu li jista' jiġi attribwit direttament ukoll għall-inklużjoni ta' kwantitajiet kbar ta' informazzjoni dwar kull fattur ta' riskju inkluż fil-prospett, tista' toskura l-komprensibbiltà ta' prospett. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tisfida t-tul tad-divulgazzjoni tal-fatturi ta' riskju biex tiżgura li l-materjalità u l-ispeċifità tal-fattur ta' riskju jkunu ċari u li l-preżentazzjoni tagħhom tkun xierqa u ffukata.

VI.6. Linji gwida dwar il-Fatturi ta' riskju fis-sommarju

Linja gwida 12: Fejn sommarju jkun ġie inkluż fil-prospett, qabel tapprova l-prospett, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tiżgura l-konsistenza fil-preżentazzjoni tad-divulgazzjoni. F'dan ir-rigward:

- i. **Fejn ma jiġix rispettati dan il-prinċipju, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tisfida lill-persuni responsabbli għall-prospett; u**
 - ii. **Fejn ikun meħtieġ, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti titlob emendi fejn id-divulgazzjoni tal-fatturi ta' riskju fis-sommarju ma tkunx konsistenti mal-ordni tat-taqsima tal-fatturi ta' riskju fi prospett.**
44. Meta teżamina mill-ġdid il-fatturi ta' riskju fis-sommarju, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tiċċekkja jekk il-preżentazzjoni tagħhom tkunx konsistenti mal-preżentazzjoni tagħhom abbażi tal-materjalità fit-taqsima tal-fatturi ta' riskju. Madankollu, dan ma jfissirx li s-sommarju jrid jinkludi fatturi ta' riskju mill-kategoriji kollha inklużi fi prospett.

Appendiċi I: Eżempji ta' fatturi ta' riskju speċifiċi u materjali:

L-eżempji stipulati fl-Appendiċi I huma għal finijiet illustrattivi biss.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jqisu l-Appendiċi I meta jwettqu l-eżami mill-ġdid tagħhom tad-divulgazzjoni inkluża fil-fatturi ta' riskju. L-appendiċi jinkludi **eżempji mhux eżawrjenti** li għandhom l-għan li juru 1) kif tista' tintwera l-ispeċifiċità ta' fattur ta' riskju 2) kif jistgħu jintwerew flimkien kemm l-ispeċifiċità kif ukoll il-materjalità ta' fattur ta' riskju u 3) eżempju ta' lingwaġġ mitiganti.

Eżempji:

Kif inhu ddikjarat fit-Taqsima V intitolata "Sfond" (fil-bidu ta' dan id-dokument li jinkludi l-linji gwida), jenħtieġ li d-divulgazzjoni ta' fattur ta' riskju turi kemm l-ispeċifiċità u l-materjalità.

Dawn li ġejjin jistgħu jitqiesu bħala eżempji ta' divulgazzjonijiet li juru l-ispeċifiċità ta' fatturi ta' riskju lill-emittent, jew siltiet minn divulgazzjonijiet ta' fatturi ta' riskju li juru rabta ċara u diretta bejn il-fattur ta' riskju u l-emittent.

- 1) Jekk emittent jinkludi fattur ta' riskju relatat mad-diżastri naturali, jenħtieġ li dan ikun marbut mal-firxa ta' attivitajiet tal-emittent sabiex tiġi stabbilita l-ispeċifiċità tiegħu, pereżempju:

Is-sit ta' produzzjoni prinċipali tal-emittent (il-fabbrika ABC) li pproduċiet 30 % tal-fatturat tal-emittent is-sena li għaddiet tinsab qrib xmara li tfur kważi kull rebbiegħa. Il-fajd jista' jimpedixxi t-trasport tal-inventarju lejn iċ-ċentri ta' distribuzzjoni, u konsegwentement jista' jinterrompi l-konsenja tal-oġġetti lill-konsumaturi finali. Il-kuntratti ma' bosta mill-klijenti ewlenin tal-emittent jagħtu lil dawn il-klijenti d-dritt li jħallsu prezz aktar baxx għall-oġġetti tal-emittent jekk l-oġġetti ma jiġux ikkonsenjati fil-ħin. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira mill-kuntratti tal-emittent mal-klijenti tiegħu huma għal perjodi iqsar minn sena. Konsenja tardiva tista' taffettwa r-reputazzjoni tal-emittent b'mod negattiv fil-konfront tal-klijenti tiegħu, u tista' tirriżulta f'li dawn imorru għand il-kompetituri tal-emittent għar-reqwiżiti tagħhom fil-futur.

- 2) Jekk emittent jinkludi fattur ta' riskju relatat ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali jew ta' governanza, l-ispeċifiċità tiegħu tista' tiġi deskritta kif ġej:

L-emittent huwa meħtieġ jikkonforma ma' sett rigoruż ta' kriterji ta' sostenibbiltà, sabiex iżomm iċ-ċertifikazzjoni ISO tiegħu. L-emittent huwa suġġett għal evalwazzjoni biannwali (mill-awtorità XYZ) li tista' tiddeċiedi li tirrevoka ċ-ċertifikazzjoni ISO tal-emittent abbażi ta' nuqqas ta' konformità. L-emittent jiddependi fuq iż-żamma ta' ċ-ċertifikazzjoni ISO tiegħu sabiex iżomm il-kuntratt tiegħu bħala fornitur għall-akbar żewġ klijenti tiegħu. Oġġetti furnuti lil dawn iż-żewġ klijenti ġġeneraw 40 % tal-introjt operatorju tal-emittent is-sena li għaddiet.

Fejn ikun rilevanti, dawn li ġejjin jistgħu jitqiesu bħala eżempji ta' divulgazzjonijiet, jew siltiet minn divulgazzjonijiet ta' fatturi ta' riskju, li juru l-ispeċifità u l-materjalità ta' fatturi ta' riskju lit-titolu suġġett għal valutazzjoni mill-persuni responsabbli għall-prospett, skont l-obbligi taħt l-Artikolu 16 tar-Regolament dwar il-Prospetti:

1) Il-grad ta' likwidità ta' dawn it-titoli:

Wara l-ikkompletar tal-offerta u bil-preżunzjoni li l-ishma [XX] kollha se jinbiegħu fl-offerta, huwa biss [YY] % tal-kapital tal-ishma tal-kumpanija li jkun liberament negozjabbli. Dan jista' jkollu impatt negattiv fuq il-likwidità tal-ishma u jista' jirriżulta f'volumi nnegozjati baxxi. Il-grad ta' likwidità tat-titoli jista' jkollu impatt negattiv fuq il-prezz li bih investitur ikun jista' jittrasferixxi t-titoli meta l-investitur ikun qed ifittex li jbigħ fi żmien qasir.

2) Is-subordinazzjoni tat-titoli (eż. għal ċerti entitajiet irregolati, l-impatt tal-għodod ta' rkupru u riżoluzzjoni, inklużi rikapitalizzazzjonijiet interni):

In-noti subordinati jikkostitwixxu pretensjonijiet ta' dejn mhux garantit fuq il-Bank ABC.

Il-Bank ABC huwa suġġett għad-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek, li għandha l-għan li tippermetti li tittieħed firxa wiesgħa ta' azzjonijiet b'relazzjoni mal-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment meqjusa bħala li jinsabu f'riskju ta' falliment. It-teħid ta' kull azzjoni taħt il-BRRD b'relazzjoni mal-emittent jista' jaffettwa b'mod materjali l-valur ta' kwalunkwe nota maħruġa jew ta' kwalunkwe ħlasijiet lura marbuta magħha, u/jew jinħoloq riskju ta' konverżjoni f'ekwità.

Jekk il-Bank ABC jitqies bħala li Qed Ifalli jew Probabbilment Se Jfalli skont it-tifsira tal-BRRD, u l-awtorità rilevanti tapplika kwalunkwe waħda, jew kombinament, tal-għodod ta' riżoluzzjoni tal-BRRD (eż. bejgħ tan-negozju, separazzjoni tal-assi, rikapitalizzazzjoni interna jew ħolqien ta' bank tranżitorju), kull nuqqas mill-bejgħ tal-assi tal-Bank ABC jista' jwassal għal tnaqqis parzjali fl-ammonti pendenti għad-detenturi tan-noti subordinati jew, fl-aġġar xenarju possibbli, għal tnaqqis sa żero. L-istatus subordinat tad-detenturi tan-noti jikkostitwixxi riskju addizzjonali meta titqies is-sekwenza tal-valwazzjoni negattiva u l-konverżjoni skont il-BRRD (eż. noti subordinati jiġu valwati negattivament u/jew konvertiti, jekk meħtieġ, wara s-sehem, iżda qabel it-titoli ta' dejn privileġġati).

L-awtorità rilevanti tista' ffitx li temenda t-termini tad-data ta' maturità tan-noti, li jista' jaffettwa b'mod negattiv il-valur tan-noti għall-finijiet ta' bejgħ mill-ġdid.

Kull waħda mill-miżuri msemmija hawn fuq tista' ssejtni f'iżolament jew inkella dawn jistgħu jsejtnu bħala kombinament. Pereżempju, l-awtorità rilevanti tista' teħtieġ konverżjoni parzjali tan-noti subordinati f'ishma ordinarji tal-Bank ABC, minbarra kwalunkwe valwazzjoni negattiva u bejgħ tal-assi tal-Bank ABC.

Appoġġ finanzjarju pubbliku għar-riżoluzzjoni tal-Bank ABC fejn ikun hemm riskju ta' falliment jintuża biss fl-aħħar istanza, wara li jkunu ġew ivvalutati u sfruttati sal-aktar punt prattikabbli l-għodod l-oħra ta' riżoluzzjoni, filwaqt li tinżamm l-istabbiltà finanzjarja.

- 3) Riskju tal-kambju fi prospett bażi fejn bosta bonds ta' muniti jistgħu jinħarġu permezz tal-kundizzjonijiet finali, fejn il-munita tal-Istat Membru domiċiljari u tal-Istat Membru ospitanti tkun il-euro:

Bonds maħruġa permezz tal-kundizzjonijiet finali skont dan il-Programm ta' Dejn jistgħu jinħarġu f'munita li ma tkunx il-euro, bħall-bonds tal-Eurodollar u jew tal-Euroyen. Skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-prospett bażi, il-pagamenti kollha relatati ma' ċerti bonds, inkluż l-imgħax, jistgħu għaldaqstant ikunu f'dollari, yen jew kwalunkwe munita oħra speċifikata f'dan il-prospett bażi.

Il-valur tal-euro ta' kwalunkwe pagament jista' jkun suġġett għal fluttwazzjonijiet sinifikanti fir-rati tal-kambju. Il-grad sa fejn dawn ir-rati tal-kambju jistgħu jvarjaw huwa inċert u jippreżenta riskju sinifikanti ħafna għall-valur u għar-redditu ta' kwalunkwe bond maħruġ skont dan il-Programm.

Movimenti sinifikanti fir-rata tal-kambju tal-munita jistgħu ma jikkorrelatawx mal-movimenti fir-rati tal-imgħax, u t-twaqqit tal-bidliet fir-rati tal-kambju jista' jaffettwa b'mod negattiv ir-rendiment, ir-redditu u l-valur tal-bonds fis-suq. Dan jista' jirriżulta f'telf sinifikanti fuq kwalunkwe kapital investit mill-perspettiva ta' investitur li l-munita domestika tiegħu tkun il-euro:

Lingwaġġ mitiganti:

Dan li ġej huwa eżempju ta' lingwaġġ mitiganti li jnaqqas il-materjalità ta' fattur ta' riskju u li joskura r-riskju li jifdal. Jenħtieġ li l-lingwaġġ mitiganti li ġej jiġi emendat sabiex jiġi eliminat il-lingwaġġ mitiganti:

Matul l-attivitajiet ta' negozju tiegħu, il-Grupp huwa espost għal varjetà ta' riskji, inklużi r-riskju ta' kreditu, ir-riskju tas-suq, ir-riskju ta' likwidità u r-riskju operazzjonali. Għalkemm il-Grupp jinvesti ħin u sforz sostanzjali fi strateġiji u tekniki għall-ġestjoni tar-riskju, huwa xorta waħda jista' jonqos milli jimmaniġġja r-riskju b'mod adegwat f'xi ċirkostanzi.